

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10027/18

COAFR 160
MOG 38
MAMA 94
CFSP/PESC 596
CSDP/PSDC 359
COHAFA 46
COHOM 87

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Qarn tal-Afrika/Baħar l-Aħmar - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika/Baħar l-Aħmar kif adottati fit-3628 laqgħa tal-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika/Baħar l-Aħmar**[Baħar l-Aħmar]**

1. Iż-żewġt ixtut tal-Baħar l-Aħmar saru kruċjali, f'termini ġeopolitiċi u strateġiċi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ globali, it-tkabbir ekonomiku reġjonali u l-istabbiltà inġenerali tar-reġjun. L-iżviluppi reċenti fir-reġjun usa' enfasizzaw l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi madwar il-Baħar l-Aħmar, u għamluha kemm urġenti kif ukoll xieraq li terġa' tingħata l-ħajja u tinbena komunità ta' interessi, kummerċ, investiment u sigurtà kondiviżi. L-Unjoni Ewropea (UE) tinsab lesta li tinvolvi ruħha mal-atturi rilevanti kollha u tipparteċipa f'tali sforz.
2. L-istabbiltà tal-Qarn tal-Afrika u l-libertà tan-navigazzjoni li mill-Oċean Indjan tgħaddi mill-Baħar l-Aħmar sal-Mediterran, it-tnejn kruċjali għall-Ewropa, qed jiġu pperikolati minn żviluppi fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar. It-tfittxija għal influwenza u assi strateġiċi, flimkien mal-militarizzazzjoni dejjem tikber tal-kosta tal-Baħar l-Aħmar, qed żżid ir-riskji fi ħdan ir-reġjun, b'konsegwenzi potenzjalment globali. Il-konflitt fil-Jemen qed jalimenta aktar it-tensjonijiet reġjonali u jhedded is-sikurezza tal-ġirien tiegħu, filwaqt li joħloq konsegwenzi umanitarji drammatiċi li jistgħu jwasslu għal aktar spostament tal-popolazzjoni, kemm fi ħdan il-pajjiż kif ukoll fir-reġjun usa'. Flimkien ma' din il-kriżi li għaddejja fil-Golf, din għandha potenzjalment effett dirett fuq is-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-istabbiltà fuq terminu twil fuq u madwar il-Baħar l-Aħmar.

3. Il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp ta' dan ir-reġjun usa' jistgħu jibbenefikaw minn aktar kooperazzjoni, mhux kompetizzjoni. In-nuqqas ta' forum reġjonali għad-djalogu u l-kooperazzjoni organizzat u inklużiv madwar il-Baħar l-Aħmar ifixkel il-progress fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inkluż l-integrazzjoni ekonomika u l-paċi u s-sigurtà reġjonali. L-importanza tar-rotta tat-trasport marittimu tal-Baħar l-Aħmar, l-effett kollaterali tal-kriżi tal-Golf u l-konflitt fil-Jemen, u fraġilità dejjem għaddejja madwar il-Qarn tal-Afrika juru l-ħtieġa għal forum bħal dan. Meta wieħed iqis l-impenn dejjiemi u l-investment fil-prosperità u l-istabbiltà fir-reġjun min-naħa tal-Ewropa, aħna ninkoraġġixxu l-ħolqien ta' forum bħal dan bħala kwistjoni ta' urġenza.
4. L-UE ser tintensifika l-impenn tagħha mal-pajjiżi kollha fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar u atturi reġjonali u internazzjonali rilevanti oħra, biex tinkoraġġixxi d-djalogu u l-ħidma biex jittaffew l-influenzi negattivi fuq l-istabbiltà reġjonali. L-oqsma għal involviment jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-prevenzjoni tal-konflitti, is-sigurtà marittima, il-protezzjoni ambjentali, il-kummerċ interreġjonali, l-infrastruttura u l-iżvilupp tal-portijiet, il-promozzjoni tal-ekonomija blu, is-sigurtà tal-ikel, il-mobbiltà tal-persuni fil-Baħar l-Aħmar, u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kuntribwiment ta' merkanzija u t-traffikar tal-bnedmin, u ż-żieda tal-impatt globali tal-kriminalità organizzata u l-estremiżmu vjolenti jistħoqqilhom attenzjoni speċjali. Il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà marittima ser tibni fuq l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, it-tagħlimiet mill-approċċ integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet fil-Qarn tal-Afrika, kif ukoll il-ħidma tal-Operazzjoni Atalanta, EUCAP Somalia u l-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija 'l barra mill-Kosta tas-Somalja li kkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-ġlieda kontra l-piraterija.

[Qarn tal-Afrika]

5. L-importanza ġeopolitika u ekonomika tal-Qarn tal-Afrika kibret, u dan wassal għal opportunitajiet ġodda għall-pajjiżi fir-reġjun u s-sħab tagħhom. F'dawn l-aħħar għaxar snin, l-UE ħadet passi sostanzjali - permezz ta' djalogu politiku u involviment attiv, il-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u assistenza mmirata ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp - biex b'mod komprensiv tappoġġa u tinkoraġġixxi l-paċi, l-istabbiltà, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-prosperità kullimkien fil-Qarn tal-Afrika. L-UE ser tkompli taħdem lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni interreġjonali u intrareġjonali mas-sħab madwar ir-reġjun, bl-użu tal-istrumenti kollha disponibbli.
6. L-UE hija profundament imħassba dwar il-kobor tal-kriżi umanitarja fil-Qarn tal-Afrika, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel, opportunitajiet ta' għajxien u aċċess għall-ilma, f'reġjun soġġett għal diżastri naturali rikorrenti, tibdil fil-klima, konflitti fuq skala kbira u spostamenti furzati. Bħala l-akbar fornitur ta' assistenza umanitarja, l-UE ser tkompli ttipprovdi appoġġ lil miljuni ta' persuni vulnerabbli affettwati bil-għan li ssahhilhom ir-reżiljenza. L-UE tappella lill-Gvernijiet inkarigati biex iżidu l-għoti ta' għajjnuna li ssalva l-ħajjiet u l-protezzjoni, inkluż ir-rispons għat-tħassib ta' vjolenza sesswali u sessista, b'mod partikolari għall-4 miljun refuġjat, l-10 miljun persuna spostati internament, il-komunitajiet ospitanti tagħhom, in-nisa, it-tfal, kif ukoll il-persuni b'diżabbiltà.
7. Il-bini ta' kapaċità reġjonali li tippromwovi s-sigurtà, il-paċi u l-prosperità hija fil-qalba tal-Istrateġija Globali għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tal-UE. L-UE ilha għal żmien twil sostenitriċi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) u tal-viżjoni tagħha biex tkun l-aqwa mezz biex jinkisbu l-paċi, il-prosperità u l-integrazzjoni reġjonali. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-mexxejja tal-IGAD hekk kif isaħħu l-istrutturi u s-sħubija tagħha u jfasslu l-prijoritajiet u l-mandat tagħha biex issir għodda effettiva li tkun kapaċi tiżgura rispons kollettiv għall-isfidi globali l-ġodda li qed iħabbat wiċċu magħhom ir-reġjun.

8. L-UE tinkoraġġixxi lis-sħab internazzjonali kollha, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Afrikana u l-Lega tal-Istati Għarab, biex jagħmlu kull sforz biex issaħħu l-istabbiltà u l-prosperità tar-reġjun kollu. L-UE tissottolinja l-importanza li tiġi żgurata koordinazzjoni internazzjonali u reġjonali mill-qrib, speċjalment permezz tal-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, sabiex jinkisbu aħjar dawn l-għanijiet.
9. Il-futur tar-reġjun jinsab f'impenn għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, il-governanza tajba, l-istabbiltà u s-sigurtà għal kulħadd, kif ukoll tkabbir inklużiv u sostenibbli u integrazzjoni ekonomika fil-livell reġjonali. Dawn huma l-prinċipji li jiggwidaw l-involviment tal-UE fir-reġjun tal-Qarn tal-Afrika. F'dan ir-rigward, l-UE tfaħħar l-aħħar passi konkreti mit-tmexxija tal-Etjopja lejn aktar inklużività b'aktar libertà u riformi politiċi, u tinsab lesta biex tappoġġa tkompli tal-isforzi. L-UE tilqa' wkoll passi importanti fil-Kenja, u tteġġeg liż-żewġ pajjiżi biex ikomplu mexjin 'il quddiem fit-tweqqi ta' dawn il-prinċipji, inkluż dwar ir-riforma elettorali, filwaqt li b'mod aktar deċisiv isolvu l-isfidi domestiċi tagħhom. Iż-żewġ nazzjonijiet għandhom is-sisien għal ġejjieni dinamiku li jista' jstabbilixxi l-pass għal reġjun sħiħ. L-UE tistieden lill-pajjiżi kollha tar-reġjun, fil-ħidma tagħhom ta' proċessi kostituzzjonali, elettorali u ta' stabilizzazzjoni, li jqisu t-tagħlimiet minn dawk l-esperjenzi u biex isolvu t-tilwim intern tagħhom. L-UE tissottolinja l-importanza li tinstab soluzzjoni ta' paċi sostenibbli u inklużiva li twassal għal sikurezza, sigurtà u t-tmim tat-tbatija tal-poplu tas-Sudan t'Isfel, u f'dak il-kuntest ser tkompli timpenja ruħha mal-awtoritajiet tas-Sudan t'Isfel u l-IGAD, inkluż permezz tal-Forum ta' Livell Għoli għar-Rivitalizzazzjoni.

10. Is-Somalja, li ilha titqies bħala l-epiċentru tal-instabbiltà fil-Qarn tal-Afrika, miexja lejn bidla sinifikanti. Dan sar possibbli bis-saħħa tal-isforzi reċenti tal-Gvern Federali tas-Somalja u l-Istati Membri Federali, inkluż laqgħa tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali f'Ġunju li ltaqa' għall-ewwel darba minn Frar 2018 kif ukoll ir-rwol kritiku tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) li tipprovdi spazju ta' sigurtà. L-UE għamlet kontribut sinifikanti lejn ir-rilanċ tas-Somalja mill-konflitt estiż u hija impenjata li tkompli bl-impenn qawwi tagħha. Aktar sjieda tas-Somalja hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li dawn l-iżviluppi pożittivi jkomplu, kemm fil-livell federali u kif ukoll dak reġjonali. Fis-16 u s-17 ta' Lulju 2018, il-komunità internazzjonali qed tippjana li tiltaqa' għall-Forum ta' Sħubija tas-Somalja (SPF) fi Brussell. Dan isegwi l-impenji magħmula fil-Konferenza ta' Londra dwar is-Somalja f'Mejju 2017 u l-SPF f'Mogadishu f'Diċembru 2017. L-SPF ser tkun opportunità biex jiġi enfasizzat il-progress fis-Somalja, jiġu stabbiliti sett ta' prioritajiet futuri u jsiru impenji biex jitwettqu r-riformi politiċi, inkluż ir-reviżjoni tal-kostituzzjoni u ta' elezzjoni ta' "persuna waħda, vot wieħed" fl-2020/2021 u l-proċess ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali, kif ukoll l-irkupru ekonomiku, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u r-rispons umanitarju. L-UE tilqa' l-eżitu tad-Diskussjoni tal-Uffiċjali Għolja f'April 2018 fil-Laqgħat tar-Rebbiegħa tal-Bank Dinji lejn in-normalizzazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jaċċessaw is-swieq finanzjarji internazzjonali u, fl-aħħar mill-aħħar, il-ħelsien mid-dejn. L-UE tappoġġa bil-qawwa pjan ta' tranżizzjoni f'fażijiet u bbażat fuq kondizzjonijiet għat-trasferiment tar-responsabilitajiet tas-sigurtà mill-AMISOM għall-forzi tas-sigurtà Somali, b'dati ta' mira ċari u finanzjament sostenibbli għall-AMISOM. L-UE tappella lis-sħab kollha tas-Somalja fl-Afrika, b'mod partikolari l-pajjiżi li jikkontribwixxu t-truppi tal-AMISOM, fir-reġjun usa' tal-Lvant Nofsani u lil hinn minnu, biex jappoġġaw lis-Somalja - b'mod komprensiv, trasparenti u koordinat - fl-isforzi tagħha biex terġa' tibni l-pajjiż u ssaħħaħ is-sigurtà tagħha għall-benefiċċju tal-poplu kollu fis-Somalja.

11. F'dan il-kuntest ġeopolitiku ġdid, ir-risoluzzjoni tad-differenzi li ilhom jeżistu bejn l-Etjopja u l-Eritrea hija essenzjali għall-istabbiltà inġenerali u l-iżvilupp kullimkien fil-Qarn tal-Afrika. L-UE tilqa' t-tħabbira reċenti mill-koalizzjoni fil-gvern fl-Etjopja li ser timplimenta b'mod sħiħ il-Ftehim ta' Alġier u d-deċiżjoni tal-kummissjoni dwar il-konfini, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Eritrea li tibgħat delegazzjoni f'Addis Ababa, u tappella lill-partijiet interessati kollha biex jikkontribwixxu b'mod kostruttiv biex isir progress. Bħala xhud tal-Ftehim ta' Paċi ta' Alġier, l-UE tinsab lesta biex tassisti lill-Etjopja u l-Eritrea fi triqthom lejn ir-rikonċiljazzjoni.
12. In-Nil huwa ta' importanza politika, ekonomika u storika għar-reġjun. L-ilmijiet tiegħu huma sors ta' prosperità komuni għall-11-il pajjiż li jikkondividu l-baċin tax-xmara. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni, madankollu, il-kompetizzjoni fuq l-użu tax-xmara tista' tikkontribwixxi għaż-żieda fit-tensjonijiet fir-reġjun. Meta wieħed iqis iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni fir-reġjun u l-effetti tat-tibdil fil-klima, l-UE tilqa' l-isforzi li għaddejjin mill-pajjiżi biex jipparteċipaw fi djalogu dwar l-aħjar modi biex jikkooperaw u jilhqqu fehim komuni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku. L-UE tilqa' wkoll it-taħditiet trilaterali li għaddejjin bħalissa bejn l-Eġittu, l-Etjopja u s-Sudan dwar id-Diga Grand Ethiopian Renaissance. L-UE tinsab lesta li tinvolvi ruħha f'appoġġ għal aktar kooperazzjoni dwar in-Nil, fuq talba tal-partijiet kollha.
-